

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

8.10.2008

0086/2008

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Marco Cappato, Hanna Foltyn-Kubicka, Thomas Mann, Charles Tannock u Helga Trüpel

dwar it-twaqqif mill-ġdid tax-xandir bit-telewizjoni NTDTV fiċ-Ċina permezz tal-Eutelsat

Data ta' skadenza: 22.1.2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-twaqqif mill-ġdid tax-xandir bit-televiżjoni NTDTV fiċ-Ċina permezz tal-Eutelsat**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iffirmata u pproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000, li tiddefendi l-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE għandha l-bażi tagħha u hija ddefinita madwar il-konformità tagħha għall-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt,
- B. billi l-libertà tal-espressjoni, partikolarment dik tal-mezzi ta' komunikazzjoni, inkluż l-Internett, hi ristretta sew fiċ-Ċina;
- C. billi l-NTDTV hu operatur tax-xandir bit-televiżjoni li ma jagħmilx profit u hu l-uniku televiżjoni biċ-Ċiniż u indipendenti li ilu jxandar fiċ-Ċina sa mill-2004,
- D. billi l-Eutelsat waqqfet ix-xandir tal-NTDTV fiċ-Ċina fis-16 ta' Ġunju 2008, ftit ġimgħat qabel il-Logħob Olimpiku, u tat raġunijiet tekniċi mingħajr ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni oħra,
1. Iħeġġeġ lill-Eutelsat biex terġa' tibda t-trażmissjoni NTDTV fiċ-Ċina mingħajr dewmien u biex tagħti raġunijiet għal din l-interruzzjoni;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jerġa' jibda x-xandir NTDTV fiċ-Ċina u jappoġġjaw aċċess għal informazzjoni mingħajr ċensura għal miljuni ta' ċittadini Ċiniżi;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.